

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/2427****tal-21 ta' Diċembru 2017****li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/231/PESK tas-26 ta' April 2010 dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2009/138/PESK <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' April 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/231/PESK.
- (2) Fl-14 ta' Novembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2385 (2017). Din ir-Riżoluzzjoni tipprevedi eżenzjoni għall-iffriżar tal-assi u għall-projbizzjoni fuq it-tqegħid għad-disponibbiltà ta' fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi għall-ghajjnuna umanitarja meħtieġa b'mod urġenti fis-Somalja, min-Nazzjonijiet Uniti, l-aġenziji jew il-programmi speċjalizzati tagħha, l-organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li jipprovdu għajjnuna umanitarja, u s-sħab ta' implimentazzjoni tagħhom inkluż l-organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati b'mod bilaterali jew multilaterali li jipparteċipaw fil-Pjan ta' Risposta Umanitarja tan-Nazzjonijiet Uniti għas-Somalja.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/231/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 6(6) tad-Deċiżjoni 2010/231/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għall-ħlas ta' fondi, assi finanzjarji oħra jew riżorsi ekonomiċi meħtieġa biex tkun żgurata l-kunsinna fil-ħin ta' għajjnuna umanitarja meħtieġa urġentement fis-Somalja, min-Nazzjonijiet Uniti, l-aġenziji jew il-programmi speċjalizzati tagħha, l-organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li jipprovdu għajjnuna umanitarja, u s-sħab ta' implimentazzjoni tagħhom, inkluż l-organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati b'mod bilaterali jew multilaterali li jipparteċipaw fil-Pjan ta' Risposta Umanitarja tan-Nazzjonijiet Uniti għas-Somalja."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill  
Il-President  
M. MAASIKAS

(<sup>1</sup>) ĠUL 105, 27.4.2010, p. 17.